MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Numru. 459/2012

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Melvin Abela, iben Paul, imwieled Pieta' fit-12 ta' April, 1991, karta ta' l-identita numru 200091(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat li b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti kiser l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, b'risoluzzjoni waħda:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' Marzu, 2012 u fis-sentejn u/jew xhur preċedenti, għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika,

għamel qliegħ total għal valur ta' €16,330.29 għad-dannu tal-kumpanija GO plc u persuni oħra;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa u żamm għandu flus u/jew prodotti liema ammont totali hu ta' €16,330.29 għad-dannu tal-kumpanija GO plc u persuni oħra, liema flus u oġġetti kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju;
3. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ikkometta serq liema valur jeċċedi l-€2,329.37 fi flus kontanti u/jew prodotti għad-dannu tal-kumpanija GO plc u persuni oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-valur u bil-persuna.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li t-tielet akkuża ġiet mogħtija bħala alternattiva għall-ewwel żewġ akkużi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn il-Prosekuzzjoni eżebit riċevuta rilaxxata mill-kumpanija Go plc fejn qed tiddikjara li rċeviet l-ammont kollu dovut mingħand l-imputat u li l-istess imputat ikkoabra bi sħiħ mal-pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293, 294, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat għandu fedina penali netta, ikkolabora mal-pulizija, ħallas dak kollu dovut u illum qed jaħdem bi profit. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-

artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------